2024/1437

27.5.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1437

tal-24 ta' Mejju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil ta' *Prunus* L., li joriġinaw mill-Moldova

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 ([2]) jistabbilixxi, abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(2) Wara valutazzjoni preliminari, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 ġew elenkati b'mod proviżorju 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw minn pajjiżi terzi, bħala pjanti ta' riskju għoli. Dik il-lista tinkludi l-ġeneru *Prunus* L.

(3) Fl-4 ta' Marzu 2020, il-Moldova ressqet talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tal-pjanti għat-tħawwil ta' *Prunus* L. li ġejjin: pjanti għat-tħawwil, mingħajr weraq, imlaqqmin, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Prunus armeniaca*, tal-*Prunus avium*, tal-*Prunus cerasus*, tal-*Prunus domestica*, tal-*Prunus dulcis*, tal-*Prunus persica*, u tal-*Prunus salicina*, b'dijametru massimu ta' 17 mm fil-bażi taz-zokk, u salvaġġ mingħajr weraq, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Prunus armeniaca*, tal-*Prunus avium*, tal-*Prunus canescens*, tal-*Prunus cerasifera*, tal-*Prunus cerasus*, tal-*Prunus davidiana*, tal-*Prunus domestica*, tal-*Prunus dulcis*, tal-*Prunus fontanesiana*, tal-*Prunus persica*, tal-*Prunus salicina*, tal-*Prunus tomentosa* u ibridi bejn l-ispeċijiet ta' hawn fuq, b'dijametru massimu ta' 17 mm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mill-Moldova ("il-pjanti rilevanti"). Dik it-talba kienet sostnuta mid-dossiers tekniċi rilevanti.

(4) Fl-1 ta' Frar 2024, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti rilevanti ([3]). L-awtorità identifikat l-*Erwinia amylovora*, il-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* u l-*Xiphinema rivesi* (popolazzjonijiet mhux tal-UE) bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju deskritti fid-dossier u stmat il-probabbiltà ta' ħelsien tal-pjanti rilevanti minn dawk il-pesti.

(5) L-*Erwinia amylovora* u l-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* huma elenkati kemm bħala pesti tal-kwarantina f'żona protetta kif ukoll bħala pesti rregolati mhux tal-kwarantina fl-Unjoni fl-Annessi III u IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 ([4]), rispettivament, filwaqt li l-*Xiphinema rivesi* (popolazzjonijiet mhux tal-UE) hija elenkata bħala pest tal-kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/2019-12-14.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2019/oj).

([3]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2024. Scientific Opinion on the commodity risk assessment of plants of 12 selected Prunus species from Moldova; https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8647.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

(6) Abbażi tal-opinjoni tal-Awtorità, ir-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni tal-pjanti rilevanti fit-territorju tal-Unjoni jitqies aċċettabbli, dment li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti speċjali korrispondenti fl-Annessi VII u X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jiġi emendat kif xieraq.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fit-tabella tal-punt 1, fit-tieni kolonna "Deskrizzjoni", l-entrata għall-"*Prunus* L., hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Prunus* L., għajr:

— pjanti għat-tħawwil mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin, tal-*Prunus domestica* mlaqqmin fuq is-salvaġġ tal-*Prunus cerasifera*, li joriġinaw mill-Ukrajna;

— biċċiet bla għeruq, mingħajr weraq, inattivi, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Prunus persica* u tal-*Prunus dulcis*, li joriġinaw mit-Turkija;

— pjanti għat-tħawwil mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Prunus persica*, tal-*Prunus dulcis*, tal-*Prunus armeniaca* u tal-*Prunus davidiana*, li joriġinaw mit-Turkija; u

— pjanti għat-tħawwil mingħajr weraq, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn, tal-*Prunus armeniaca*, tal-*Prunus avium*, tal-*Prunus canescens*, tal-*Prunus cerasifera*, tal-*Prunus cerasus*, tal-*Prunus davidiana*, tal-*Prunus domestica*, tal-*Prunus dulcis*, tal-*Prunus fontanesiana*, tal-*Prunus persica*, tal-*Prunus salicina*, tal-*Prunus tomentosa* u ibridi bejn l-ispeċijiet ta' hawn fuq, b'dijametru massimu ta' 17 mm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mill-Moldova.".